Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 504/2012

**Aneuren Rodney Meli**

**Vs**

**Trevor Francis Vassallo**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Mejju 2012 l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu d-danni li sofra meta fit-22 ta' Lulju 2010 fi pjazza San Nikola, Siggiewi gie mtajjar mill-vettura Ford Ka bin-numru DBS 609 misjuqa mill-konvenut.

Il-konvenut hu kontumaci. Ghalkemm ipprova jiggustifika 'l fatt li ma ddefendix ruhu, b'decizjoni tal-11 ta' Frar 2013 il-qorti ddikjarat li ma kienx iggustifika n-nuqqas tieghu li jipprezenta twegiba guramentata fit-terminu kontemplat

mil-ligi u cahdet it-talba sabiex jinghata l-opportunita' jipprezenta twegiba guramentata.

**<u>Responsabbilta ghall-incident</u>**.

L-attur spjega li kien qieghed jaqsam it-triq fil-pjazza tas-Siggiewi meta ntlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Fi stqarrija li ghamel lill-pulizija, l-konvenut qal:

*"Jiena kont niezel bil-karozza Ford KA, bin-numru DBS 609, mill-pjazza tas-Siggiewi, direzzjoni lejn il-Bank of Valletta, kif wasalt quddiem il-Kazin tal-Labour, ta' Siggiewi, hassejt daqqa mal-mudguard tan-naha tal-passiggier, u rajt persuna mal-windscreen. Waqaft, u rajt lil dan Meli mal-art u rajt x'ghandu bzonn."*.

Spjega wkoll li ma kienx ra lill-attur. L-incident sehh fi spazju miftuh. Biex il-konvenut ighid li ma rax lill-attur qieghed jaqsam ifisser biss li ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*. Ghalkemm f'affidavit li kien ipprezenta sabiex jipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu qal li l-attur hareg minn wara xarabank ipparkjat, il-qorti ma tistax taccetta din il-verzjoni meqjus li:-

(i) il-konvenut hu kontumaci u ghalhekk m'ghandux dritt li jressaq provi fil-meritu;
(ii) f'kull kaz fir-rapport tal-pulizija, ma jirrizultax li l-konvenut qal lill-pulizija li l-attur kien hareg minn wara xarabank.

Il-konkluzjoni hi li l-konvenut hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**.

Irrizulta li:-

i. L-attur gie ccertifikat li ghandu debilita' permanenti ta' 10% (ara rapport tal-perit mediku, fol. 77[1]):-

[1] Mr Charles Grixti li b'digriet tas-27 ta' Gunju 2012 inhatar bhala espert mediku (fol. 12).

*"Aneuren Rodney Meli sofra ksur tas-sinsla toraci meta ntlaqat minn karozza waqt li kien qieghed jaqsam it-triq. Dal-ksur gie trattat b'mod konservativ b'Kendall Brace.*

*Minhabba dan il-ksur il-pazjent ma jistax jerfa' affarijiet tqal u ma jistax jitbaxxa. Minflok irid dejjem jinzel kokka u jzomm daharu dritt. Ma jistax lanqas joqghod bilqeghda mzerzzaq."*.

ii. Ghal dak li jikkoncerna l-qliegh l-atturipprezenta formoli tat-taxxa. Jirrizulta li fis-sena 2008 kellu qliegh ta' €13,198 filwaqt li fl-2009 kellu qliegh ta' €11,750. Jirrizulta li hu kien sid ta' xarabank EBY 628. M'hemmx provi ta' x'kien il-qliegh tieghu matul 'l 2010, cjoe' fis-sena li sehh l-incident, u llum. Il-qorti ser taghmel il-kakoli fuq qliegh ta' €12,000 fis-sena.

L-attur xehed li kien ghamel minn Lulju sa Novembru 2010 ma jahdimx u ghex fuq il-beneficcji socjali. Pero' ma ressaqx:-

(a) prova medika li f'dan il-perjodu ma kienx tajjeb ghax-xoghol;
(b) prova tad-dhul li kellu mill-ghajnuna socjali li qal li kien qieghed jircievi;
(c) prova tal-qliegh fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2010;

Inoltre min-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fid-9 ta' Dicembru 2013 ma jirrizultax li ghandu xi pretensjoni biex jithallas ghall-imsemmi perjodu.

iii. Fir-rapport mediku jinghad li l-attur twieled fis-7 ta' Novembru 1981 (fol. 74). Ghalhekk meta sehh l-incident kellu 29 sena. Ghaldaqstant ser jittiehed in konsiderazzjoni *multiplier* ta' 28 sena.

iv. Ser isir ukoll tnaqqis ta' 18% biex jiehu in konsiderazzjoni 'l fatt li l-hlas qieghed isir f'daqqa. Il-qorti ma taqbilx li ghandu jsir tnaqqis ta' 14% gialadarba l-attur

pprezenta l-kawza f'Mejju 2012 u s-sentenza qeghda tinghata wiehed u ghoxrin (21) xahar wara.

Ghalhekk il-hlas dovut lill-attur huwa:-

**€12,000 x 28 sena x 10% persentagg ta' dizabilita' - 18% minhabba li l-hlas irid isir f'daqqa** = **€27,552**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' seba' u ghoxrin elf hames mija u tnejn u hamsin ewro (€27,552). Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' u ghoxrin elf hames mija u tnejn u hamsin ewro (€27,552), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------